MALTA

# QORTI TAL-APPELL

**(Sede Inferjuri)**

## ONOR. IMĦALLEF LAWRENCE MINTOFF

Seduta tat-18 ta' Ġunju, 2025

Appell Inferjuri Numru 102/2024 LM

**Isabella Barbaro-Sant (K.I. Numru 434265(M))**
*('l-appellanta')*

***vs.***

**World Aviation Group Limited (C 10759)**
*('l-appellata')*

**Il-Qorti,**

**<u>Preliminari</u>**

1. Dan huwa appell magħmul mir-rikorrenti **Isabella Barbaro-Sant (K.I. Nru. 434265(M))** [minn issa 'l quddiem 'l-appellanta'] mid-deċiżjoni [minn issa 'l quddiem 'id-deċiżjoni appellata'] mogħtija mit-Tribunal Industrijali [minn issa 'l quddiem 'it-Tribunal'] tal-4 ta' Diċembru, 2024, fil-Kwistjoni tax-Xoghol nru. 4084/CC li hija ppreżentat fil-konfront tas-soċjetà intimata **World Aviation Group**

**Limited (C 10759)** [minn issa 'l quddiem 'is-soċjetà appellata'], fejn iddeċieda kif ġej:

- ***Deċiżjoni***

*Tenut kont taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ kif ġie espost f'dan il-proċess, it-Tribunal ma ġiex konvint li l-każ jittratta terminazzjoni forzata u għaldaqstant jaqta' u jiddeċiedi li t-temm tal-impjieg tal-Appellanti ma kienx jikkostitwixxi* 'constructive dismissal'."

## Fatti

2. Il-fatti tal-proċeduri odjerni jirrigwardaw ir-riżenja fil-5 ta' Mejju, 2022, tal-appellanta mill-impjieg tagħha mas-soċjetà appellata fejn hija kellha l-kariga ta' PA mal-*Managing Director,* filwaqt li kienet ukoll iżomm kariga oħra ta' *Finance Executive* ma' World Aviation Group. Fil-11 ta' April, 2022, il-*HR Manager* u l-*Head of Operations* tas-soċjetà appellata kienu nfurmawha permezz ta' *Notice of Charge* li hija kienet qiegħda tiġi sospiża '*on full pay*' għaliex kien hemm suspett li hija kienet kisret l-obbligi tagħha ta' kunfidenzjalità. Il-jum ta' wara l-appellanta ġiet infurmata li kienet ser issir laqgħa fid-19 ta' April, 2022 fejn kien ser jiġu kkomunikati lilha r-riżultanzi tal-istħarriġ li kien sar min-naħa tas-soċjetà appellata. Dakinhar tal-laqgħa, hija saret taf li l-akkużi fil-konfront tagħha kienu qiegħdin isiru abbażi ta' *emails* ta' natura kunfidenzjali li allegatament kienu ntbagħtu lil terzi. Ftit jiem wara, fuq talba tagħha stess, l-appellanta kienet irċeviet mingħand is-soċjetà appellata kopja tad-dokumenti li kien sar riferiment għalihom waqt l-imsemmija laqgħa. Fis-26 ta' April, 2022, l-appellanta bagħtet is-sottomissjonijiet tagħha bil-miktub lis-soċjetà appellata dwar l-imsemmija dokumenti. Iżda s-soċjetà appellata min-naħa tagħha baqgħet issostni li l-

appellanta kienet esponietha għal ċertu riskju, u b'hekk filwaqt li ħarġet *Final Warning* fil-konfront tal-appellanta, din tal-aħħar ġiet ippreżentata bl-opportunità ta' impjieg ieħor f'kumpannija oħra, Aviation Online Limited. Iżda l-appellanta kienet irrifjutat l-offerta, għaliex ħasset li l-pożizzjoni offruta lilha kienet inferjuri għal dik li kellha mas-soċjetà appellata.

## Mertu

3. L-appellanta istitwiet proċeduri quddiem it-Tribunal fl-1 ta' Awwissu, 2022, permezz ta' rikors fejn talbet lit-Tribunal sabiex *"...jikkunsidra l-fatti tal-każ u jiddikjara li t-terminazzjoni tal-impjieg tal-esponenti ma' World Aviation Group kien dovut għall-aġir tas-soċjetà intimata u għalhekk inġust u li jikkostitwixxi constructive dismissal bil-konsegwenzi kollha tiegħu."*

4. Is-soċjetà appellata wieġbet fis-6 ta' Ottubru, 2022, fejn filwaqt li fissret il-verżjoni tagħha ta' dak li kien ġara bejn il-partijiet, hija ddikjarat li t-talbiet tal-appellanta kellhom jiġu miċħuda.

## Id-deċiżjoni tat-Tribunal

5. Dawn huma l-konsiderazzjonijiet tat-Tribunal li wasluh għad-deċiżjoni tiegħu:

- ***Konsiderazzjonijiet tat-Tribunal***

*Sabiex wasal għad-deċiżjoni tiegħu, dan it-Tribunal fela bir-reqqa dovuta d-dokumenti kollha provduti, ix-xhieda kollha li nstemgħet matul dan il-proċess u evalwa kif xieraq l-argumenti imqajjma miż-żewġ partijiet. Dan sabiex ikun stabbilit jekk ir-riżenja formali li tat l-Appellanti kienetx waħda sforzata minn xi aġir mhux ġust min-naħa tas-soċjetà ntimata u jew agir li jkun jirrispekkja affarijiet li fihom*

*infushom jesponu ksur fundamentali tal-kuntratt tal-impjieg mingħajr raġuni ġustifikata.*

*Dan it-Tribunal jagħraf li din il-kwistjoni ta' xogħol żviluppat meta l-*Management *tas-soċjetà ntimata kien ġie nfurmat minn Dr. Pauline Vassallo Direttur fid-Dipartiment tas-Saħħa u Prevenzjoni ta' Mard li hija kienet ferm diżappuntata li kien hemm* Email *Interna li ħarġet barra mill-organizzazzjoni lil terzi u dan esprimietu fil-kuntest illi l-informazzjoni li tgħaddi bejn it-*team *tagħha u Centrecom hija* 'inherently confidential'*.*

*Dan it-Tribunal jagħraf ukoll illi waqt investigazzjoni nterna dwar dan, kien ġie stabbilit li tali informazzjoni kienet inħarġet mill-Appellanti. Mill-istess investigazzjoni kien ġie stabbilit ukoll li kien hemm* Emails *oħrajn li kienu jikkonċernaw informazzjoni sensittiva tal-finanzi, li kien ntbgħatu mill-Appellanti lill-*external parties *li ma kellhom x'jaqsmu xejn mal-kumpannija.*

*Dan it-Tribunal jagħraf ukoll li fl-isfond ta' dan kollu ġew skattati proċeduri ta' dixxiplina fil-konfront tal-Appellanti. Proċeduri fejn hija kienet assistita minn persuna tal-għażla tagħha u ċjoe l-Avv. Carm Mifsud Bonnici u fejn matulhom hija ġiet mgħarrfa bin-nuqqasijiet lavorattivi li kienet qed tiġi akkużata bihom u li kienu jikkostitwixxu '*breach of data*', u fejn ġiet mogħtija kopji tad-dokumenti relatati ma' tali nuqqasijiet.*

*Dan it-Tribunal jagħraf li waqt dawn il-proċeduri ta' dixxiplina la l-Appellanti u lanqas min kien qed jassistiha qatt ma ndikaw li tali proċeduri kif adottati kienu b'xi mod qed innaqqrulha xi dritt li hija tiddefendi ruħha b'mod ġust u lanqas meta tramite l-istess proċeduri fejn hija nstabet ħatja ta' nuqqasijiet fil-qadi ta' dmirijietha hija qatt ma ntavolat appell formali kif kellha dritt tagħmel, biex tindika li ma kienetx qed taqbel mal-konklużjoni ta' tali proċeduri u ċjoé mas-sejbin ta' ħtija.*

*Dan it-Tribunal jinnota dak li ntqal waqt il-laqgħa ta' dixxiplina fejn l-Avukat Mifsud Bonnici li kien qed jassisti lill-Appellanti fejn kien qal:* 'nittama li mhux każ ta' tkeċċija, taking into consideration illi l-klijenta tiegħi ilha dan iż-żmien kollu'*, kif ukoll jinnota wkoll dak li wieġeb għal dan l-Avv. Brincat li kien qed jassisti lill-*Management, *fejn irrisponda* 'I will take that into consideration'.

*Dan it-Tribunal jagħraf li wara l-proċeduri ta' dixxiplina fejn l-Appellanti nstabet ħatja tan-nuqqasijiet abbinati mad-doveri tagħha, il-*Management *ippreżenta offerta lill-appellanti li kienet tfisser bdil fil-pożizzjoni u d-doveri tagħha. Offerta li l-Appellanti qabdet tiddiskuti mal-*Management *u proprju ma' Alicia Felice* Head Human Resources *fejn ingħatat id-dettalji kollha ta' tali tibdil fil-pożizzjoni u d-*

*doveri tagħha, u fejn hija għarrfet biss lill-*Management *li ma kienetx disposta taħdem bix-xift.*

*Fix-xhieda tagħha l-Appellanti apparti dak li hija qalet li kien ntqal lilha minn Leslie Cassar u ċjoe* 'it's either that or dismissal' *xi ħaġa li Cassar ċaħad b'mod kategoriku waqt ix-xhieda tiegħu, l-Appellanti stqarret b'mod ċar li ħadd mill-*Management *qatt ma kien qalilha li jekk sa nhar il-Ġimgħa hija ma taċċettax din il-pożizzjoni lilha offruta, l-impjieg tagħha ikun terminat.*

*Dan it-Tribunal jagħraf li wara li l-Appellanti ngħatat id-dettalji kollha abbinati ma' tali tibdil fejn kellha konversazzjoni dwar dawn id-dettalji ma' Alicia Felice* Head Human Resources, *hija qatt ma nfurmat b'mod uffiċjali lill-*Management *li hija ma kienetx qed taċċetta dak offrut lilha.*

*Dan it-Tribunal jinnota li fl-ittra tar-riżenja tagħha l-Appellanti ma għamlet l-ebda referenza li r-riżenja tagħha kienet qed tagħmilha minħabba dak li rriżulta mill-proċeduri ta' dixxiplina, u jew minħabba l-offerta li saritilha. Hija kitbet lill-*Management *li kienet qed tirriżenja b'mod immedjat mill-pożizzjoni tagħha iżda kienet disposta li taħdem in-*notice period.

*Dan it-Tribunal ma kienx qed jistenna li hija tagħti r-raġunijiet dettaljati ta' x'kienu ċ-ċirkostanzi li qed jagħmluha tant impossibbli għaliha li tkompli fl-impjieg, iżda kien ikun importanti li hija tagħmel imqar referenza li kienet qed tirriżenja għaliex fil-fehma kienet qed tiġi sfurzata.*

*F'dan il-kuntest dan it-Tribunal jikkwota minn* Selwyn's Law of Employment 16th Edition *paġna 447 fejn jingħad* 'The employee must clearly indicate that he is treating the contract as having been repudiated by the Employer (Logabox Ltd vs Titherly), and if he fails to do so, by word or by conduction, he is not entitled to claim that he has been constructively dismissed (Holland vs Glendale Industries Ltd)

*Minn dak li ġie espost waqt dan il-proċess, dan it-Tribunal jasal għall-konklużjoni li:*

- *L-offerta li saret lill-Appellanti mill-*Management *li kienet tfisser bdil fl-istatus lavorattiv tagħha saret fl-ambitu ta' proċeduri ta' dixxiplina, u mhux mingħajr ebda raġuni.*
- *L-Appellanti qatt ma tat risposta definittiva u uffiċjali lill-*Management *li hija kienet qed taċċetta jew li ma kienetx qed taċċetta dak offrut lilha mill-istess* Management, *iżda għażlet li tirriżenja waqt li kienet għadha f'kuntatt mal-*Management *dwar l-istess offerta.*

- *L-*Management *tas-soċjetà ntimata qatt ma hedded lill-Appellanti li jekk hija ma taċċettax l-offerta ta' bdil fl-istatus lavorattiv tagħha hija kienet ser tiġi mkeċċija mix-xogħol. Iżda kienet l-Appellanti li assumiet li jekk ma taċċettax tali offerta kienet sejra tiġi imkeċċija.*

*Fil-fehma meqjusa ta' dan it-Tribunal, matul dan il-proċess ma ġiet esposta l-ebda prova konkreta li l-*Management *tas-soċjetà ntimata b'mod irraġonevoli, jew b'intenzjoni malizzjuża wettaq jew impona xi miżura estrema u jew insopportabbli li minħabba fiha l-Appellanti ma setgħetx tkompli fl-impjieg tagħha."*

## L-Appell

6. L-appellanta ħassitha aggravata bid-deċiżjoni appellata, u fis-16 ta' Diċembru, 2024, intavolat appell quddiem din l-Onorabbli Qorti fejn qiegħda titlobha sabiex jogħġobha:

> *"...tħassar u tirrevoka s-sentenza tat-Tribunal Industrjali għar-raġunijiet esposto f'dan ir-rikors, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-kumpannija appellata."*

Tgħid li l-aggravji tagħha huma dawn: (a) fil-proċeduri quddiem it-Tribunal inkiser id-dritt tagħha għal smigħ xieraq; u (b) it-Tribunal interpreta u applika ħażin il-liġi.

7. Is-soċjetà appellata wieġbet fis-27 ta' Jannar, 2025, fejn talbet lil din il-Qorti sabiex tiċħad l-appell odjern, bl-ispejjeż kontra l-appellanta.

## Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti

8. Din il-Qorti ser tgħaddi sabiex tikkunsidra l-aggravji rispettivi tal-appellanta, u dan fid-dawl ta' dak li ġie kkonstatat u deċiż mit-Tribunal, u meħudin in konsiderazzjoni s-sottomissjonijiet tas-soċjetà appellata.

*L-Ewwel Aggravju:* *[Ksur tad-dritt għal smigħ xieraq]*

9. B'riferiment għall-artikolu 790 tal-Kap. 12, l-appellanta tikkontendi li fejn it-Tribunal naqas li jieħu in konsiderazzjoni dawk l-elementi rilevanti u saħansitra kruċjali għall-każ odjern, ġie leż id-dritt tagħha għal smigħ xieraq, u tispjega liema evidenza kellha tiġi kkunsidrata sabiex b'hekk hija tingħata smigħ xieraq quddiem it-Tribunal.

10. Is-soċjetà appellata ssostni li lment ta' ksur tad-dritt ta' smigħ xieraq kif protett taħt is-subartikolu 39(2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta, għandu jitressaq quddiem il-Qorti Ċivili, Prim'Awla (Sede Kostituzzjonali) sabiex b'hekk jintalab rimedju. Tgħid li għalhekk il-Qorti m'għandhiex tikkunsidra dan l-ewwel aggravju tal-appellanta, għaliex il-kwistjoni li qiegħda tiġi ssollevata taqa' fil-kompetenza tal-Qrati ta' ġurisdizzjoni kostituzzjonali.

11. Il-Qorti tgħid li s-soċjetà appellata għandha raġun. Skont id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 46 tal-Kostituzzjoni ta' Malta, il-mertu tal-ilment li qiegħda tressaq l-appellanta mingħajr l-ebda dubju jaqa' fil-kompetenza esklużiva tal-Qrati ta' ġurisdizzjoni kostituzzjonali, u din il-Qorti hija preklużа milli tikkunsidrah u tiddeċiedih. Għalhekk il-Qorti qiegħda tastjeni milli tieħu konjizzjoni tal-ewwel aggravju tal-appellanta.

*It-Tieni Aggravju:* *[It-Tribunal għamel interpretazzjoni u applikazzjoni ħażina tal-liġi]*

12. L-appellanta tissottometti li t-tieni aggravju tagħha huwa li t-Tribunal għamel interpretazzjoni u applikazzjoni ħażina tal-liġi. Tgħid li waqt is-seduta tal-

31 ta' Lulju, 2024, it-Tribunal darbtejn iddikjara li l-każ odjern huwa wieħed ta' *constructive dismissal,* iżda minn dakinhar 'l hawn huwa kien biddel fehmtu darbtejn kif jirriżulta mid-deċiżjoni appellata. Hija tidħol fil-kunċett ta' *constructive dismissal,* u tinsisti li kuntrarjament għal dak li stqarr t-Tribunal, il-provi kienu juru li permezz tal-għemil tagħha hija kienet għamlet ċar li ma kinitx ser tibqa' tonora l-kuntratt ta' impjieg tagħha ma' World Aviation Group. Hija tiċċita l-awturi Ingliżi dwar il-materja ta' *constructive dismissal,* u anki dak li qal it-Tribunal dwar il-mod kif ippreżentat ir-riżenja tagħha lis-soċjetà appellata, fejn qal li *'...kien ikun importanti li hija tagħmel imqar referenza li kienet qed tirriżenja għaliex fil-fehma tagħha kienet qed tiġi sfurzata.".* L-appellanta tgħid li skont l-awtur Daniel Barnet u l-Qrati Ingliżi, dan ma kienx neċessarju, u tilmenta mill-fatt li t-Tribunal ma ppermettiex li hija tippreżenta l-*email* fejn hija kienet ikkomunikat ir-riżenja tagħha lis-soċjetà appellata. Tinsisti li kuntrarjament għal dak li sostna t-Tribunal, hija ma kellha l-ebda obbligu li tindika r-raġuni tar-riżenja tagħha lis-soċjetà appellata. Tgħid li hawnhekk it-Tribunal kien tenut li jinvestiga u jagħraf x'kienet is-sitwazzjoni fir-rigward tal-akkużi li kienet għamlet is-soċjetà appellata, u fl-eventwalità li huwa jistabbilixxi li seħħet *constructive dismissal,* huwa seta' mbagħad jikkunsidra jekk it-tkeċċija kinitx waħda ġusta o meno. L-appellanta tinsisti li t-*test* li kellu jwettaq it-Tribunal ma setax jirnexxi, għaliex hija kienet tat spjegazzjoni tajba fir-rigward tal-akkużi li nġabu fil-konfront tagħha, u b'hekk il-*constructive dismissal* kienet waħda inġusta. Tagħlaq is-sottomissjonijiet tagħha billi tispjega l-effetti li l-aġir tas-soċjetà appellata kellu u għad għandu fuqu, u tgħid li għalhekk hija kellha tagħmel din il-kawża.

13. Is-soċjetà appellata twieġeb billi fl-ewwel lok tirrileva li mhuwiex car liema huwa l-punt ta' liġi li l-appellanta qiegħda tappella minnu *ai termini* tas-

subartikolu 82(3) tal-Kap. 452 tal-Liġijiet ta' Malta. Tissottometti li jidher pjuttost li l-appellanta qiegħda tikkontendi li huwa l-kunċett ta' *constructive dismissal* li ma ġiex applikat tajjeb mit-Tribunal. Is-soċjetà appellata tgħid li dan il-kunċett huwa wieħed li jsib l-għeruq tiegħu fil-liġi Ingliża, fejn it-Tribunal u l-Qrati applikaw il-prinċipji tiegħu kemm-il darba, u b'hekk tagħmel riferiment għal dak li qal it-Tribunal fid-deċiżjoni tiegħu tal-24 ta' Frar, 2023, fl-ismijiet **Col. Claudio Spiteri Ret'd *vs.* Malta Gaming Authority**, u anki il-Qorti tal-Appell fis-sentenza tagħha tal-1 ta' Novembru, 2023, fl-istess ismijiet. Għal dak li jirrigwarda l-*email* li l-appellanta tgħid li t-Tribunal ma tahiex il-fakoltà li tippreżenta, is-soċjetà appellata tispjega li l-appellanta kienet naqset li tippreżentaha fil-proċeduri quddiem it-Tribunal, u kien biss waqt it-trattazzjoni finali, u wara li l-provi kienu magħluqa, li l-imsemmija *email* instabet. Tikkontendi li hawnhekk it-Tribunal kien mexa skont il-proċedura billi ċaħad it-talba tal-appellanta għall-preżentata ta' dik l-*email.* Hija tissottometti li mhijiex qiegħda tikkontesta l-fatt li ma kienx hemm raġuni tajba u suffiċjenti sabiex b'hekk ġie tterminat l-impjieg tal-appellanta, iżda dan ma jfissirx li kif kienet qiegħda tikkontendi l-appellanta, l-*constructive dismissal* kienet inġusta.

14. Il-Qorti tagħraf li t-talba tal-appellanta fir-rikors promotur tagħha quddiem it-Tribunal kienet sabiex dan *"...jiddikjara li t-terminazzjoni tal-impjieg tal-esponenti ma' World Aviation Group kien dovut għall-aġir tas-soċjetà intimata u għalhekk inġust u li jikkostitwixxi* constructive dismissal *bil-konsegwenzi kollha tiegħu.".* Joħroġ ċar minn din it-talba tagħha li l-vertenza odjerna tikkonċerna allegazzjoni ta' tkeċċija nġusta mill-impjieg li l-appellanta kellha mas-soċjetà appellata. Tgħid li għall-fini tal-eżami li għandha tagħmel din il-Qorti sabiex

tistabbilixxi jekk l-appell sarx konformament mad-dispożizzjonijiet tas-subartikolu 82(3) tal-Kap. 452, hija rrilevanti l-kwistjoni li wasslet għall-eventwali terminazzjoni, għaliex imbagħad jeħtieġ li hija tidħol fil-mertu tal-każ, imma dan huwa prekluż bl-imsemmija dispożizzjonijiet tal-liġi. Il-Qorti tagħraf li l-appellanta pjuttost qiegħda tippreżenta fehma diversa minn dik espressa mit-Tribunal ta’ kif għandhom jiġu nterpretati l-fatti, li skont hi jikkostitwixxu *constructive dismissal,* u ma tissolleva l-ebda punt ta’ liġi li għandu jiġu dibattut u deċiż f’dawn il-proċeduri tal-appell. Għalhekk il-Qorti tgħid li l-appell odjern ma sarx fil-parametri stabbiliti mid-dispożizzjonijiet tas-subartikolu 82(3) tal-Kap. 452, u hija għandha tastjeni milli tieħu konjizzjoni tiegħu.

**<u>Decide</u>**

**Għar-raġunijiet premessi, il-Qorti tiddikjara l-appell odjern irritu u null, u b’hekk tastjeni milli tieħu konjizzjoni tiegħu.**

**L-ispejjeż tal-appell odjern għandhom ikunu a karigu tal-appellanta.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Graziella Aguru Cassar**
**Deputat Reġistratur**